MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 82/2010

**Perit A B C**

**-vs-**

**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Perit A B C fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent A B C u l-konvenuta D B izzewgu fit-tlieta ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (03/07/2005), fil-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata, Hal Tarxien (vide certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A);

Illi mill-imsemmi zwieg ma twieldux tfal u l-istess partijiet huma personalment isseparati minn xulxin (vide kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok. B);

Illi l-kunsens tal-partijiet fl-imsemmi zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla ebda effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Ghaldaqstant, jitlob l-attur sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrent u l-konvenuta null u bla ebda effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hi ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, skond il-ligi, il-konvenuta ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat l-atti kollha u semghet ix-xhieda.

Ikkunsidrat illi:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega." ("**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006).

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti jsostni li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

F'dan il-kuntest, dawn il-Qrati dejjem irritenew illi:

"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens." ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

"Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)". ("**Dr Stephen Muscat noe vs Maria B Grech**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-14 ta' Awwissu, 1995).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li fil-fatt il-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien effettivament vizzjat f'dan is-sens.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Lulju 2005, huwa null u bla ebda effett.

L-ispejjez jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------